# LECTIO DIVINA

# Is-Sitt Ħadd Matul is-Sena (A)

**Mt 5,17-37**

Ikompli *d-diskors tal-Muntanja* (kapitli 5-7).

**"Xejn la taħsbu li ġejt inwaqqa' l-Liġi jew il-Profeti; jiena ma ġejtx biex inwaqqagħhom, iżda biex inwassalhom għall-milja tagħhom. Tassew ngħidilkom, li sa ma jkunu għaddew is-sema u l-art anqas l-iżgħar ittra jew tikka waħda mil-Liġi ma titneħħa..." (vv 17-18)**

Bl-għemil tiegħu li jmur 'il-hemm minn dak li titlob il-liġi, Ġesù jiġi interpretat ħażin. Jiġi akkużat li hu xi rivoluzzjonarju, f'oppożizzjoni għat-tradizzjonijiet u l-Liġi Ebrajka. L-għemil ta' Ġesù kien ta' sfida u theddida għall-kittieba u l-Fariżej.

Ġesù jwettaq dak li hemm miktub sa "l-iżgħar ittra jew tikka", mhux għal wiċċ l-oħrajn jew għas-sodisfazzjon persunali, imma għax-xewqa tal-ispirtu tal-liġi – l-iskop tal-liġi, jiġifieri l-*imħabba*. Xiehda ta' dan huma l-versi 21 sa 37.

Meta wieħed iwettaq għemil (josserva l-liġi) irid jagħmel dan għax misjuq mill-imħabba. Meta mhux misjuq mill-imħabba bil-fors li hu misjuq minn forzi oħra opposti għall-imħabba: kompjaċenza, imħabba diżordinata/egoistika, biża' (ara 1 Ġw 4,18)...

**"Ngħidilkom li, jekk il-ħajja tajba [il-ġustizzja] tagħkom ma tkunx ħafna aħjar minn dik tal-kittieba u l-Fariżej, ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet." (v 20)**

Il-kittieba jgħallmu l-liġi. Il-Fariżej iwettquha fil-beraħ. Teknikament ħadd ma seta' jmerihom f'xejn – kienu korretti.

Intant Kristu jagħmel din it-twissija (v 20).

Wieħed jistaqsi: X'kien l-iskop tagħhom? Permezz tal-liġi, kien qed jintlaħaq l-iskop tal-leġislatur?

Mhux biżżejjed li wieħed ikun jaf (kapaċità intellettwali) u jesegwixxi l-liġi b'mod tajjeb (esterjuri), "Dan il-poplu bix-xofftejn biss jagħtini qima, imma qalbu hija l-bogħod minni." (Is 29,13, Mk 7,6-7)

Hi neċessarja "ġustizzja" li tmur 'l hinn mill-aspett esterjuri u tekniku tal-liġi. Hija l-ġustizzja ta' Alla il-missier – il-leġislatur suprem – li jħobb, jaħfer, jsalva b'mod gratuwitu (mingħajr l-ebda interess persunali). Hija l-imħabba mingħajr kalkoli.

**“Smajtu xi ntqal lin-nies ta’ dari, ‘La toqtolx.’... Imma jien ngħidilkom li l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh.” (vv 21-22)**

Jidher biċ-ċar li Ġesù mhux rivoluzzjonarju għal-liġi, lanqas hu wieħed li huwa indifferenti għal-liġi, imma hu dak li lil-liġi jipperfezzjonaha; jiċċara l-*veru skop* tagħha. Il-vera *imħabba* mhix li tara lilek innifsek twettaq korrettament il-liġi, imma li *tħobb*.

Il-qtil fiżiku (li jidher minn barra) juri li ġa minn qabel, l-bniedem ikun elimina (qatel) lill-bniedem ieħor f’qalbu – dak li jkun ilu *jinħema* ġewwa. L-azzjoni ta’ barra tikxef x’hemm ġewwa. Inutli li wieħed jimmira biex jelimina dak li jidher minn barra (l-esterjuri, is-sintomu) jekk qabel ma jiġix imfejjaq dak li hemm ġewwa (interjuri, marda).

**“Mela jekk tkun qiegħed ittalla’ l-offerta tiegħek fuq l-artal u hemm tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek, ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk quddiem l-artal u mur l-ewwel irranġa ma’ ħuk, u mbgħad ejja talla’ l-offerta tiegħek.” (vv 23-24)**

Jidher li għal Kristu, id-djalogu, il-maħfra u l-imħabba fil-konfront ta’ “ħuk”, saħansitra jiġu qabel il-kult reliġjuż li fih jsir id-djalogu ma’ Alla. Fil-fatt ma jistax isir djalogu (relazzjoni) effettiv ma’ Alla jekk qabel ma jkunx hemm djalogu *sinċier* mal-proxxmu (= dak li jinsab ħdejk, maġenbek): “Jekk xi ħadd jgħid: ‘Jien nħobb ’l Alla’, u jobgħod lil ħuh, dan ikun giddieb. Għax min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista’ jħobb lil Alla li hu qatt ma rah?” (1 Ġw 5,20-21. Ara ukoll Mk 12,30-31) u “Fil-liġi l-imħabba t’Alla tiġi l-ewwel, għalkemm fil-prattika, l-imħabba tal-proxxmu tiġi qabel.” (S. Wistin, Trattati fuq l-Evanġelju ta’ s. Ġwann [uffiċċju tal-qari tat-3 ta’ Jannar].)

**“Jekk għajnek il-leminija hi għalik okkażjoni ta’ dnub, aqlagħha barra u armiha ’l bogħod minnek... U jekk idek il-leminija hi għalik okkażjoni ta’ dnub, aqtagħha barra u armiha ’l bogħod minnek, għax aktar ikun jaqbillek jekk tintiliflek biċċa waħda minn ġismek milli ġismek kollu jmur fl-infern.” (vv 29-30)**

Kemm l-għajn kif ukoll l-id huma l-bidu ta’ kull ġid jew inkella ta’ kull deni li jitwettaq mill-bniedem. Il-bniedem hu msejjaħ biex fid-dawl tal-Kelma ta’ Alla jagħmel introspezzjoni biex jifhem u jagħraf x’intenzjonijiet moħbija jista’ jkun hemm fih, biex imbgħad jasal biex “jaqla... u jaqta’ barra” dak il-ħażen (intenzjonijiet ħżiena) li ma jwassalx għall-ħajja.

**“Smajtu x’intqal lin-nies ta’ dari: ‘Tonqosx mill-wegħda li ħlift...’ Imma jien ngħidilkom biex ma taħilfu xejn... Mela ħa jkun id-diskors tagħkom, ‘Iva, iva’, ‘Le, le’; kulma hu iżjed minn hekk ikun ġej mill-Ħażin.” (vv 33-34.37)**

Fil-ħalfa jiġi msejjaħ JHWH – Jien li Jien – biex ikun xhud għal dak li verament *hu* (ara Num 30,3, Dewt 23,22, Salm 50,14).

Ġesù jipproponi li lanqas il-ħalf ma jsir għax il-“kelma” tal-bniedem (maħluq fuq ix-xbieha ta’ Alla) minnha nfisha għandha tkun *vera*, meħlusa minn kull tgħawwiġ. Il-kelma hi mezz fundamentali ta’ komunikazzjoni u komunjoni. JHWH jinsab f’kull *kelma vera* “Iva, iva, Le, le”, li wieħed jgħid lil sieħbu. Għalhekk ma hemmx bżonn ta’ ħalf.

Mill-kelma ta’ Alla – “U Alla qal...” (Ġen 1,3.6.9.11.14.20.24.26.29) – ħarġet il-ħajja u s-Salvazzjoni tal-bniedem. Din hija kelma vera, u warajja m’hemmx ħabi jew finijiet oħra. Għalhekk hi kelma li tibni u tgħaqqad. Meta l-kelma hi possessiva, warajja jkun hemm xi forma ta’ gidba/ħabi, ingann jew għan li tonsob. Din il-kelma hi ġejja mix-xitan u l-għan warajha jkun li tifred u tkisser (dijabolika).

Meditatio:

- kemm qed inkun sinċier fid-diskors tiegħi, ma’ sieħbi, ma’ sħabi, mas-superjuri,...?
- kemm qed nifhem l-*iskop*(l-ispirtu) li hemm wara l-Kmandamenti ta’ Alla, l-istruttura u r-regolamenti fis-seminarju...?
- kapaċi inħares f’għajnejn ħija u nitolbu skuża jew kjarifika?
- nagħraf il-ħsibijiet moħbija fil-qalb tiegħi.

Oratio:

- Nista’ nitlob b’Salm 139 “Mulej int tgħarbilni u tagħrafni...”